



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-  
UNJONI EWROPEA GĦALL-  
AFFARIJET BARRANIN U L-  
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 30.4.2014  
JOIN(2014) 17 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**ELEMENTI GĦAL STRATEĠIJA TAL-UE FL-AFGANISTAN 2014-16**

## ELEMENTI GĦAL STRATEĠIJA TAL-UE FL-AFGANISTAN 2014-16

### **1. Għan**

Il-Kunsill ikkonkluda fl-20 ta' Jannar 2014 li l-mira strateġiku ġenerali tar-rwol futur tal-UE fl-Afganistan għandu jkun l-iżvilupp tal-istituzzjonijiet Afgani biex jipprovdu r-reżiljenza meħtieġa biex jissalvagwardjaw il-progress li sar sa issa u li jipprovdi pjattaforma mal-pajjiż kollu għal mod aktar effettiv u, fl-aħħar mill-aħħar, sostenibbli tal-Istat Afgan.<sup>1</sup>

L-UE għandha impenn fit-tul lejn l-Afganistan u tinsab fil-proċess li jikkonferma l-impenn finanzjarju tagħha sal-2020. Għadd ta' Stati Membri diġà indikaw l-appoġġ fit-tul kontinwu tagħhom. L-Afganistan huwa l-pajjiż li qed jirċievi l-aktar għajjnuna mill-UE.<sup>2</sup> Dan id-dokument jipprovdi qafas strateġiku biex jikkoordina aħjar l-impenn ċivili tal-Istati Membri u tal-UE fl-Afganistan min-nofs l-2014 sal-2016, filwaqt li jstabbilixxi l-oġġettivi tal-UE għas-snin 2014-16 u jiddeskrivi fil-qosor l-intervenzjonijiet ipplanati sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi. L-istrateġija teħtieġ li tkun flessibbli biżżejjed biex tinfluwenza kif ukoll twieġeb b'mod xieraq għall-firxa ta' xenarji potenzjali fl-Afganistan. Il-mira strateġiku u l-oġġettivi ġew żviluppati minn qabel ma kienet teżisti idea ċara dwar id-daqs u l-iskala ta' kull preżenza militari internazzjonali wara l-2014. L-aspettattivi dwar il-livell ta' progress u t-twassil tal-assistenza internazzjonali b'appoġġ tal-prijoritajiet tal-Gvern tal-Afganistan f'każ ta' preżenza internazzjonali limitata ħafna jridu bilfors jitbaxxew.

### **2. Il-kuntest politiku**

L-Afganistan għamlet progress konsiderevoli fir-rigward tal-politika, tas-sigurtà, tal-ekonomija u tal-iżvilupp matul l-aħħar għaxar snin. Iżda l-profitti li saru huma fil-biċċa l-kbira tagħhom fraġli u riversibbli. Il-pajjiż qed iħabbat wiċċu ma' sfidi akuti fuq it-tliet snin li ġejjin biex jinżamm il-progress li sar u jdaħħlu fis-seħħ ir-riformi meħtieġa u l-istrutturi li jippermettu li l-Afganistan jilħaq il-mira eventwali tiegħu ta' stat sostenibbli bis-sħiħ.

---

<sup>1</sup> Il-Kunsill iddikjara wkoll li "l-UE se tiffoka l-isforzi tagħha f'oqsma li fihom hija tattribwixxi l-aktar valur. L-oġġettivi ewlenin għandhom ikunu: il-promozzjoni tal-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Afganistan u fir-reġjun usa'; it-tisħiħ tad-demokrazija; l-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku u uman, inkluż aktar titjib fl-aċċess għas-saħħa u l-edukazzjoni; u t-trawwim tal-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tan-nisa u l-bniet. L-istrateġija għandha tqis id-dimensjoni reġjonali u żżomm il-flessibbiltà biex tirreaġixxi b'mod xieraq għal bidliet potenzjali fl-Afganistan."

<sup>2</sup> Dan japplika kemm bħala aggregat kif ukoll għal numru ta' donaturi individwali, inkluża l-UE nnifisha, il-Ġermanja, l-Italja, l-Isvezja, id-Danimarka, il-Finlandja u l-Pajjiżi l-Baxxi.

Huwa diffiċli li jsir tbassir sod dwar l-Afganistan għall-2016. Huwa ċar li l-Afgani dejjem aktar se jieħdu kontroll tal-affarijiet tagħhom matul it-tliet snin li ġejjin. L-influenza internazzjonali se titnaqqas. Anki fl-aktar xenarju ottimist, l-Afganistan se jkompli jkun Stat fraġli b'xi indikaturi tal-iżvilupp uman l-aktar baxxi globalment, dipendenti fuq l-għajjnuna finanzjarja internazzjonali u suxxettibbli għal tifqigħat ta' kunflitti vjolenti. Il-gvern ċentrali se jkollu jtaffi t-theddid impost mir-ribelljoni, il-korruzzjoni u l-kriminalizzazzjoni tal-Istat — b'mod partikolari minn flus ġejjin mid-droga — u jżomm is-sigurtà u t-twassil ta' servizzi f'żoni rurali b'popolazzjoni baxxa, jekk irid igawdi l-kredibbiltà u l-appoġġ tal-poplu.

L-Afganistan jinsab f'reġjun kumpless u instabbli. Minkejja l-ħafna nuqqasijiet, id-demokrazija u l-libertà tal-espressjoni huma aktar avvanzati fl-Afganistan milli fil-biċċa l-kbira tar-reġjun. Ħafna mill-ġirien tiegħu għandhom stejjer reċenti ta' kunflitti vjolenti interni li nfirxu għall-Afganistan minħabba d-dgħufija tal-Istat u li huma marbuta mal-kunflitt aggravat fl-Afganistan. Il-proċess ta' paċi fl-Afganistan għandu jkun proprjetà tal-Afgani u mmexxi minnhom, iżda huwa ċar li l-atturi reġjonali kollha għandhom rwoli importanti kemm fl-istabbiliment tal-proċess ta' paċi ta' suċċess kif ukoll fiż-żamma ta' kull ftehim ta' paċi li jirriżulta, u dawn ikunu ta' benefiċċju mhux biss għall-Afganistan, iżda wkoll għar-reġjun usa'. Żieda fil-kooperazzjoni reġjonali u fl-interdipendenza jista' jkollha rwol importanti fit-tiżni tal-proċess politiku billi toħloq inċentivi għall-pajjiżi fir-reġjun biex jibbenefikaw minn Afganistan aktar stabbli, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni ta' aktar kummerċ u żieda fl-attivitajiet kummerċjali.

Fit-terminu qasir ta' żmien, l-irvell kontinwu u t-tranżizzjoni ta' responsabbiltà għas-sigurtà joħolqu sitwazzjoni politika u ekonomika diffiċli. Id-dewmien fl-iffinalizzar tal-Ftehim ta' Sigurtà Bilaterali bejn il-Gvern tal-Afganistan u l-Istati Uniti, li huwa prerekwiżit għall-preżenza kontinwa tal-forzi internazzjonali, iżid l-inċertezza tas-sitwazzjoni ta' wara l-2014. Fin-nuqqas ta' ftehim ta' paċi inklużiv, huwa probabbli li diverġenzi sinifikanti fl-ambjent operattiv fl-oqsma differenti tal-pajjiż jkunu jeħtieġu approċċi differenti u flessibbli, minn firxa ta' oqsma aktar stabbli li jkomplu jiżviluppaw relazzjonijiet aktar normalizzati għall-bini tal-Istat, għal żoni milquta mill-kunflitti li qegħdin jerġgħu lura għal approċċi mmexxija mill-għajjnuna umanitarja. Aktar minn 600 000 persuna ġew spostati f'pajjiżhom stess minħabba l-kunflitt. Il-pajjiżi ġirien, speċjalment l-Iran u l-Pakistan, qegħdin ikomplu jospitaw għadd kbir ta' refuġjati mill-Afganistan. Il-ħtiġijiet umanitarji fost l-aktar partijiet vulnerabbli tal-popolazzjoni Afgana se jppersistu fil-futur prevedibbli. Il-progress kontinwu se jkun jiddependi ħafna mill-kapaċità tal-gvern il-ġdid li: jagħmel progress fin-negozjar ta' qbil

politiku inklużiv mal-gruppi ewlenin ribelli u tal-milizja; iżomm is-sigurtà; jittratta l-korruzzjoni; u jdaħħal fis-seħħ riformi ekonomiċi u politiċi ewlenin.

Il-kredibbiltà u s-suċċess tat-transizzjoni jiddependu daqstant fuq it-tisħiħ tal-governanza demokratika u responsabbli fl-Afganistan fil-livelli kollha, kif ukoll fuq il-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà. Dan huwa kompitu ġenerazzjonali fit-tul, iżda l-progress fit-tliet snin li ġejjin jista' jevita rigress kif ukoll jipprovdi bażi importanti għal aktar avvanzjati fis-snin li ġejjin. Hemm riskju kbir li l-Afganistan jiffaċċja tnaqqis ekonomiku gravi jekk il-gvern ma jkunx kapaċi jiġġenera l-fiduċja meħtieġa biex jattira l-investiment u biex jikkontrolla d-delokazzjoni tal-kapital hekk kif il-preżenza internazzjonali u l-kuntratti ta' assistenza jonqsu. B'mod partikolari, hemm il-ħtieġa li jinħolqu impjegi għal madwar 400 000 Afgan li jidħlu fil-forza tax-xogħol ta' kull sena. Jekk din it-talba ma tiġix sodisfatta, hemm riskju ta' ġenerazzjoni ġdida ta' żgħażagħ li xogħolhom ma jisfruttax il-kapaċitajiet tagħhom u mgerrxa, li jista' jwassal għal żieda ta' reklutaġġ fi gruppi ta' ribelli u għall-immigrazzjoni illegali u mhux kontrollata lejn pajjiżi ġirien u fl-Ewropa.

### **3. Il-mira u l-oġettivi strateġiċi**

L-istrateġija tal-UE tiffoka fuq l-oqsma ta' importanza kritika biex jinkiseb il-progress fl-Afganistan sal-2016, filwaqt li jitqiesu l-oqfsa stabbiliti minn konferenzi internazzjonali fl-2011 u l-2012, b'mod partikolari l-*Qafas dwar ir-Responsabbiltà Reċiproka ta' Tokjo (TMAF)*, li se jkompli jkun il-bażi għar-relazzjoni bejn il-komunità internazzjonali usa' u l-Gvern tal-Afganistan għall-biċċa l-kbira ta' dan il-perjodu.

L-importanza kruċjali ta' riforma sistemika li tippermetti l-progress fl-Afganistan hija waħda mir-raġunijiet għalfejn l-UE se tkompli tippromovi l-prinċipji tat-*TMAF*, filwaqt li tallinja l-assistenza mal-prijoritajiet tal-gvern u tuża l-ingranaġġ kollettiv tal-finanzjament tal-UE biex tinċentiva riforma. L-istrateġija se tkun ukoll pjattaforma għall-implimentazzjoni tal-*Ftehim ta' Kooperazzjoni għas-Sħubija u l-Iżvilupp*, li se tipprovdi l-qafas ġuridiku għall-impenn fit-tul tal-UE, soġġett għall-finalizzazzjoni tan-negozjati u l-abbozz ta' ftehim li ġie ffirmit mill-amministrazzjoni li jmiss.

Il-mira strateġika ġenerali tal-UE għall-2014-16 se tkun l-iżvilupp tal-istituzzjonijiet Afgani biex dawn jipprovdu r-reżiljenza meħtieġa biex ikun salvagwardjat il-progress li sar sa issa u tiġi provduta pjattaforma għal Stat Afgan aktar effettiv u, fl-aħħar mill-aħħar, aktar sostenibbli.

Din il-mira se jkollha erba' objettivi li jiffokaw fuq l-impenn tal-UE fl-oqsma fejn tista' l- iktar iżżid valur u ssaħħaħ il-valuri kondiviżi bejn l-Ewropej u l-Afgani, inklużi d- demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. L-objettivi tfasslu biex ikunu reċiprokament rinforzanti. Pereżempju, il-pulizija ċivili effettiva hija b' mod ċar komponent ewlieni kif ukoll dipendenti fuq l-eżistenza tal-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal- bniedem. Fl-oqsma kollha tal-Istrateġija tal-UE fl-Afganistan, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-avvanz tad-drittijiet tan-nisa se jkun ċentrali fl-involviment tagħna. L-objettivi se jkunu:

- a. il-promozzjoni tal-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà fir-reġjun, bl-appoġġ ta' ftehim ta' paċi inklużiv, li jittaffa t-theddid mid-drogi u l-kriminalità organizzata u l-appoġġ u l- iżvilupp ta' servizz tal-pulizija ċivili professjonali u responsabbli;
- b. It-tiħiħ tad-demokrazija: Id-demokrazija li tiffunzjona jeħtieġ li tiġi inkorporata permezz ta' sorveljanza demokratika fil-livell nazzjonali, provinċjali u distrettwali, fl- elezzjonijiet inklużivi u trasparenti, u fil-bini ta' kapaċitajiet f'istituzzjonijiet ewlenin ta' governanza;
- c. L-inkoraġġiment ta' żvilupp ekonomiku u uman inkluż il-ħolqien ta' qafas ekonomiku trasparenti biex jinkoraġġixxi l-investment, jiżdied id-dħul, jiġu allokatu l-finanzi, tissaħħaħ ir-reżiljenza u jitjieb l-aċċess għas-saħħa u l-edukazzjoni, inklużi għall- partijiet l-aktar vulnerabbli tal-popolazzjoni;
- d. Il-promozzjoni tal-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, b' mod partikolari d-drittijiet tan-nisa u t-tfal, billi jiġi promoss ir-rispett għad-drittijiet tal- bniedem (inkluż b' mod partikolari l-implimentazzjoni sħiħa ta' protezzjonijiet statutorji għad-drittijiet tan-nisa u bniet), b' appoġġ għal iktar ugwajjanza quddiem il- liġi taċ-ċittadini kollha u l-għajjnuna fl-iżvilupp ta' qafas komprensiv biex isaħħaħ u jirrifirma s-settur tal-ġustizzja.

### 3(a). Il-promozzjoni tal-Paċi, l-Istabbiltà u s-Sigurtà

Is-sigurtà fit-tul se tkun teħtieġ ftehim ta' paċi inklużiv ma' gruppi ribelli, u dan wassal għal tnaqqis sinifikanti fl-inċidenza ta' kunflitt u vjolenza fil-pajjiż. L-UE se tfittex li tippromwovi ftehim inklużiv li jappartjeni u li huwa mmexxi mill-Afgani u li jirrispondi b' mod opportunistiku biex jgħin fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti. Il-kooperazzjoni reġjonali tista' taqdi r- rwol importanti biex tiġi żgurata l-istabbiltà u l-pajjiżi ġirien għandu jkollhom sehem sħiħ fil- promozzjoni tal-paċi u l-istabbiltà. Sadanittant, il-kapaċità tal-Forzi tas-Sigurtà Nazzjonali

Afgani (ANSF) se tkun vitali biex tirrestrinġi l-irvelli u tistabbilixxi l-bażi għas-sigurtà. Is-samit ta' Chicago tal-2012 stabbilixxa għadd ta' impenji mill-komunità internazzjonali biex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' kapaċità tal-ANSF. Iżda din l-istrateġija tal-UE tiffoka esklussivament fuq l-iżvilupp tal-pulizija ċivili.

L-UE se tuża l-involviment u l-istrumenti tagħha, kif ikun xieraq, biex:

#### *Objettivi sekondarji*

- tappoġġja proċess ta' rikonċiljazzjoni u ta' paċi li jappartjeni u li huwa mmexxi mill-Afgani, li jwassal għal soluzzjoni politika u li jevita l-vjolenza, jiċħad kull rabta mat-terroriżmu, u li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tan-nisa;
- ittejjeb il-koperazzjoni politika u ekonomika bejn l-Afganistan u l-ġirien tiegħu;
- tappoġġja l-istrateġija ta' soluzzjoni reġjonali għall-integrazzjoni mill-ġdid tar-refuġjati Afgani, ibbażata fuq prinċipji ta' ripatrijazzjoni volontarja u sostenibbiltà;
- issaħħaħ l-isforzi mmexxija mill-Afgani biex tiżdied il-kwalità u s-sostenibbiltà tal-pulizija ċivili;
- issaħħaħ l-isforzi Afgani u reġjonali biex titnaqqas il-kriminalità organizzata u l-produzzjoni tad-droga, it-traffikar u d-domanda.

#### 3(b). It-tiŝiħ tad-Demokrazija

L-inkorporazzjoni ta' politika li tiffunzjona se tkun kruċjali għal-leġittimità tal-Istat. Dan jeħtieġ is-sorveljanza demokratika li tiffunzjona u s-separazzjoni ta' setgħat governattivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji. Il-bidla istituzzjonali għandha tkun ikkomplementata minn midja diversa u indipendenti, soċjetà ċivili attiva u pluralistika, u parteċipazzjoni u rappreżentazzjoni akbar tan-nisa fil-livelli kollha ta' karigi pubbliċi. Dawn il-passi se jgħinu biex tiġi żgurata s-saħħa tal-istituzzjonijiet demokratiċi, tiżdied ir-responsabbiltà tal-Istat fil-konfront tal-pubbliku u jittejjeb it-twassil effettiv tas-servizzi għaċ-ċittadini.

L-UE se tuża l-involviment u l-istrumenti tagħha, skont kif ikun xieraq, biex issostni:

#### *Objettivi sekondarji*

- l-arkitettura u l-proċeduri elettorali b'saħħithom;

- elezzjonijiet parlamentari kredibbli fl-2015, b'riżultati aċċettati b'mod ġenerali mill-Afgani;
- aktar responsabbiltà tal-eżekuttiv permezz ta' sorveljanza parlamentari u indipendenti;
- anqas korruzzjoni u responsabbiltà msaħħa permezz tal-bini tal-kapaċità ta' governanza sottonazzjonali, li tiffoka fuq it-titjib fit-twassil tas-servizzi u l-amministrazzjoni tal-baġit.

### 3(c). L-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku u uman

Jeħtieġ li l-Afganistan jindirizza l-korruzzjoni biex tiżdied il-fiduċja tal-popolazzjoni fl-Istat u titjieb il-fiduċja tal-investituri. L-investment sostnut u l-iżvilupp kemm tas-settur privat kif ukoll tal-ekonomija rurali se jkunu kruċjali biex jinkisbu l-livelli ta' tkabbir meħtieġa biex jinħolqu l-impjiegi u jiżdied id-dħul domestiku. Dawn huma kollha meħtieġa biex jitnaqqas il-faqar, jitjieb l-għajxien, jitwasslu s-servizzi bażiċi, speċjalment fir-rigward tas-saħħa u l-edukazzjoni, u biex jiġu aċċellerati l-iżvilupp soċjali u tal-bniedem, li għadhom sew taħt in-normi reġjonali.

L-UE se tuża l-involviment u l-istrumenti tagħha, kif xieraq, biex issostni lill-Gvern biex:

#### *Objettivi sekondarji*

- iżid l-iżvilupp tal-bniedem, inkluż għall-partijiet l-aktar vulnerabbli tal-popolazzjoni, b'mod partikolari fl-edukazzjoni u s-saħħa;
- jikseb aktar titjib fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi;
- ikollu awtosostenibbiltà finanzjarja aktar b'saħħitha tal-Istat Afgan, permezz ta' żieda fil-ġenerazzjoni tad-dħul;
- jstimola l-ekonomija rurali.

### 3(d). It-trawwim tal-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem

Għad fadal ħafna xi jsir biex jiġi ssalvagwardjat il-progress fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tkun żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet statutorji. L-iżvilupp ta' sistema ġudizzjarja effikaċi u li taħdem se jkun fundamentali biex tiżgura li d-drittijiet tal-Afgani, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet Afgani, ikunu rispettati u sabiex jissaħħaħ l-istat tad-dritt. Regola effettiva tad-dritt issaħħaħ ir-responsabbiltà u żżid il-fiduċja tan-negozji, iżda din

teħtieġ żvilupp istituzzjonali sinifikanti. L-UE se tuża l-involvement u l-istrumenti tagħha, kif ikun xieraq, biex:

#### *Objettivi sekondarji*

- tavvanza d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tan-nisa u tat-tfal;
- tappoġġja l-komponenti kollha fis-settur tal-ġustizzja formali biex dawn jaħdmu flimkien b'mod aktar effettiv u indipendenti, effiċjenti, inqas korrott u aċċessibbli, filwaqt li jiġu rrispettati aħjar il-prinċipji tal-istat tad-dritt;
- tissielet biex ittem il-kultura ta' impunità għar-reati serji tal-gwerra u l-abbużi mid-drittijiet tal-bniedem;
- iżomm id-dritt għal-libertà tal-għaqda u ssaħħaħ id-dritt għal-libertà tal-espressjoni.

#### **4. Konklużjoni**

L-Afgani nfushom se jkunu prinċipalment responsabbli rigward jekk il-proċess ta' tranżizzjoni jkunx ta' suċċess, u jkunx jipprovdi l-bażi għall-Afganistan biex jimxi lejn il-mira eventwali tiegħu ta' sostenibbiltà proprja. Madankollu, il-Komunità internazzjonali enfasizzat diversi drabi r-rieda tagħha li ttiprovdi livelli eċċezzjonali ta' assistenza teknika u finanzjarja biex tgħin lill-Afganistan jibni fuq il-progress li sar sa issa. Din l-istrateġija tikkoordina aħjar l-interventi tal-UE u tal-Istati Membri u sservi ta' appoġġ lejn il-poplu Afgan u l-prinċipji, inkluż li jkun hemm aktar allinjament mal-objettivi tal-Gvern tal-Afganistan u l-inċentivazzjoni tar-riformi ewlenin. L-istrateġija ttiprovdi l-qafas ġenerali għal pjan ta' implimentazzjoni indikattiva, li se jstabilixxi diviżjonijiet tax-xogħol ippjanati bejn l-istrumenti tal-UE u l-interventi tal-Istati Membri. Għalkemm il-mira u l-objettivi strateġiċi għandhom ikunu b'saħħithom biżżejjed biex jikkunsidraw il-biċċa l-kbira tax-xenarji fl-Afganistan, il-pjan ta' implimentazzjoni, u b'mod speċjali l-pass tal-implimentazzjoni, se jiddependu ħafna fuq il-kuntest tas-sigurtà.